MALTA

# QORTI KOSTITUZZJONALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tas-16 ta' Dicembru, 2013

Appell Civili Numru. 73/2010/1

**Adrian Marmara u Eugenio Camenzuli**

**v.**

**L-Avukat Generali u l-Kummissarju tal-Pulizija**

**<u>Preliminari</u>**

**1.** Dan huwa appell mir-rikorrenti Adrian Marmara u Eugenio Camenzuli (flimkien "ir-Rikorrenti" jew "l-Appellanti") minn sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili, fil-kompetenza kostituzzjonali taghha, fis-6 ta' Novembru, 2012, li permezz taghha dik il-Qorti filwaqt li akkoljiet ir-risposta tal-intimati Avukat Generali u

Kummissarju tal-Pulizija (flimkien "l-Intimati" jew "l-Appellati"), irrespingiet *in toto* t-talbiet tar-Rikorrenti bhala nfondati, bl-ispejjez kontra l-istess Rikorrenti.

**2.** Fir-rikors promotur taghhom, l-Appellanti talbu lil din il-Qorti sabiex thassar u tirrevoka s-sentenza moghtija fis-6 ta' Novembru, 2012 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kompetenza kostituzzjonali taghha u dan billi filwaqt li tichad ir-risposta tal-Appellati, takkolji t-talbiet tal-Appellanti, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-intimati Appellati.

**<u>Ir-Rikors Promotorju tar-Rikorrenti Adrian Marmara u Eugenio Camenzuli</u>**

*Il-Fatti Allegati mir-Rikorrenti*

**3.** Ir-Rikorrent Marmara, ghaddej proceduri kriminali quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, akkuzat *inter alia* talli fit-22 ta' Frar 2007 u fix-xhur ta' qabel ikkultiva l-pjanta *cannabis* bi ksur tal-Artikolu 8(c) tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi, 1939 (Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta ("l-Ordinanza");

**4.** Ir-Rikorrent Camenzuli, ghaddej proceduri kriminali quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) akkuzat *inter alia* talli fit-22 ta' Frar 2007 u fix-xhur ta' qabel ikkultiva l-pjanta *cannabis* bi ksur tal-Artikolu 8(c) tal-Ordinanza u dan;

**5.** Ir-Rikorrenti jsostnu li l-Artikolu 22(1B) tal-Ordinanza jmur kontra d-dritt fundamentali taghhom ta' smigh xieraq kif sancit fl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem ("il-Konvenzjoni Ewropeja") u fl-artikolu korrispondenti tal-Kostituzzjoni ta' Malta ("il-Kostituzzjoni") u cioe` l-Artikolu 39.

**6.** Ir-Rikorrenti jallegaw li fost affarijiet ohra d-dritt ta' smigh xieraq jirrikjedi li disposizzjoni tal-ligi ghandha tohloq certezza legali fil-qafas guridiku ta' pajjiz u li hadd ma jista' jiehu piena li ghaliha ma jkunx hemm provdut espressament fil-ligi u dan kollu skont il-massima tad-dritt "*nulla poena sine lege*."

**7.** Ir-Rikorrenti jsostnu li ghad li l-legislatur irratifika l-konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti Kontra t-Traffikar Illecitu ta' Drogi Narkotici u Sustanzi Psikotropici, 1988 ("il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti") li konsegwentement allura tifforma parti integrali mill-*corpus juris* taghna, l-istess legislatur ma hassx il-bzonn li kellu jemenda jew jiccara b'xi mod l-Artikolu 22(1B) tal-Ordinanza. Ghalhekk, skont ir-Rikorrenti il-frazi "*includes cultivation*" fl-Artikolu 22(1B) tal-Ordinanza ghandha tigi interpretata fl-isfond tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti u li b'hekk din il-frazi ghandha tirreferi solament ghall-kultivar u mhux ghall-uzu esklussiv ghaliex altrimenti tigi nieqsa c-certezza legali minhabba d-diskrepanza bejn il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti u l-ligi.

**8.** Ir-Rikorrenti allegaw ukoll li l-allegata mankanza ta' l-istat Malti li jiccara d-disposizzjoni tal-ligi fuq citata mal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti halliet *lacuna* fil-ligi ghal dik li tirrigwarda piena u li ghalhekk m'hemm l-ebda disposizzjoni tal-ligi applikabbli ghall-kultivar tal-*cannabis* ghall-uzu personali, u ghalhekk japplika l-principju surreferit "*nulla poena sine lege*."

*It-Talbiet tar-Rikorrenti*

**9.** Ghar-ragunijiet hawn fuq imsemmija, ir-Rikorrenti talbu lill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kompetenza kostituzzjonali taghha sabiex:

"1. Tiddikjara li l-mod ta' kif inhu redatt il-predispost ta' l-Artikolu 22(1B) ta' l-Ordinanza huwa leziv tad-drittijiet fondamentali taghhom kif sanciti fl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni.

"2. Tipprovdi billi, l-artikolu indikat, fejn hemm imsemmi "*includes cultivation*" ghandu jigi interpretat li ma jestendix ghall-kultivar ghall-konsum u uzu personali.

"3. Taghti kwalsiasi provvediment ulterjuri sabiex tissalvagwardja d-drittijiet inerenti u kostituzzjonali tar-Rikorrenti."

**<u>Ir-Risposta tal-Intimati Avukat Generali u Kummissarju tal-Pulizija</u>**

**10.** Fir-risposta taghhom datata 2 ta’ Dicembru 2013, l-Intimati sostanzjalment sostnew kif gej:

“- M’hemm l-ebda ksur ta’ l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u li mill-mod kif inhi redatta l-Ordinanza, b’mod partikolari l-Artikoli 8(c) u 22(1B) ta’ l-istess ordinanza, jirrizulta bic-car illi l-kultivazzjoni tal-*cannabis* bhala medicina projbita tikkostitwixxi reat, u allura c-certezza legali tezisti u ma jissussisti l-ebda ksur ta’ l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u ta’ l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni.

“- L-Artikolu 3(2) tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti, li Malta rratifikat fl-1996, jobbliga lill-pajjizi firmatarji biex jaddottaw mizuri sabiex il-pussess, ix-xiri u l-kultivazzjoni ta’ drogi narkotici ghall-uzu personali ikunu jikkostitwixxu reat, dejjem skond il-qafas baziku tas-sistema legali tal-pajjiz.

“- Ir-Rikorrenti ma jistghux jiccitaw il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti bhala *corpus* legali li japplika ghalihom u dan ghaliex l-istess konvenzjoni taghmel stat biss bejn l-istati li huma firmatarji taghha u mhux bejn l-Istat u l-individwu u li ghalhekk ir-Rikorrenti ma jistghux jinvokaw in konnessjoni mal-pretiza lezjoni tad-drittijiet taghhom ghajr il-ligi ta’ l-istat li tieghu huma cittadini.

“- Fi kwalunkwe kaz id-disposizzjonijiet tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti ma jipprekludux lill-iStat Malti milli jqis il-kultivazzjoni ta’ xi sustanza projbita bhala fih innifsu reat, irrispettivament minn jekk tali kultivazzjoni tkunx ghall-uzu personali jew le.

“- M’hemm l-ebda nuqqas ta’ kjarezza u ma tezisti l-ebda diskrepanza bejn il-verzjoni Maltija u l-verzjoni Ingliza tad-disposizzjoni ta’ l-Ordinanza in kwistjoni.”

**11.** Ghalhekk, l-Intimati talbu lill-ewwel Qorti tichad ir-rikors tar-Rikorrenti u konsegwentement tirrespingi t-

talbiet fih kontenuti bhala infondati, bl-ispejjez kontra r-Rikorrenti.

**Korrezzjoni tar-rikors promotorju tar-rikorrenti**

**12.** Fuq talba tar-rikorrenti, b'digriet tat-22 ta' Gunju 2012 l-ewwel Qorti awtorizzat li l-ewwel talba tar-rikorrent tigi emendata fis-sens li l-Qorti tiddikjara li kien hemm ukoll lezjoni tal-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropeja.

**Is-sentenza appellata**

**13.** Wara li rriproduciet in succint ir-rikors promotorju tal-gudizzju u t-talbiet migjuba fl-istess rikors, ir-risposta tal-intimati u rregistrat id-diversi tappi tal-iter tal-proceduri, l-ewwel Qorti ghamlet riassunt tar-rizultanzi processwali u l-lanjanzi tar-Rikorrenti u ghaddiet biex tiddeciedi l-kawza fil-mertu kif fuq inghad[1] wara li ghamlet il-konsiderazzjonijiet li gejjin:

"Illi rigward il-principju tac-certezza tad-dritt ghandu jinghad li dan il-principju nsibuh sancit f'diversi sistemi progrediti senjatament fil-Germania taht l-isem "*Vertranensschutz*"; fi Franza taht l-isem ta' "*protection de la confiance legitime*" u taht il-ligi Ngliza originarjament bhala "*protection of legitimate confidence*" li sussegwentement, biex jigi evitat kull ekwivoku inutili il-kelma "*confidence*" kienet sostitwita bil-kelma "*expectation*";

"Illi sintetikament dan il-principju rikjamat mir-rikorrenti jistabbilixxi li ligijiet ghandhom mill-inqas jissodisfaw is-segwenti rekwiziti:

"i. Illi jkunu cari bizzejjed biex jiddefinixxu b'mod li wiehed ikun jista' minghajr sforzi mmani, mill-ewwel japprezza l-agir minnu rikjest u allura, jistabbilixxu dik il-prevedibilita' legittima tal-agir mistenni u tal-konsegwenza f'kaz ta' nuqqas;

[1] Ara par. 1 *supra*

“ii. Illi ghalhekk fost affarijiet ohra, ligi ghandha kemm jista’ jkun – specjalment dik ta’ indola kriminali – tissodisfa fost l-ohrajn is-segwenti kriterji:

“a. Illi tkun prospettiva u mhux retrospettiva – anke fid-dawl tal-precett kostituzzjonali fir-rigward;

“b. Illi ma tkunx impossibbli li tobdiha;

“c. Illi trid tkun regolarment u legalment stabbilita bhala ligi minn awtorita’ legittima kompetenti;

“d. Illi trid tkun cara fl-aspetti kollha taghha kemm lingwistici, kif ukoll logici u legali;

“e. Illi trid tkun ukoll koerenti mas-sistema legali in generali;

“iii. Illi ghalhekk kemm l-agent attiv, kif ukoll il-professjonist legali li jkollu l-obbligu jaghti l-pariri tieghu fir-rigward, ikunu orjentati bi precizjoni bizzejjed biex kemm l-azzjoni jew indikazzjoni de quo tkun ibbazata fuq kriterji cari li jorjentawhom b’mod adegwat u sewwa fir-rigward;

“Ikkunsidrat:

“Illi l-lanjanza sollevata mir-rikorrenti tirrigwarda l-artikolu 8(c) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta fuq riferit li tistabbilixxi s-segwenti:

““8. “Ikun hati ta’ reat kontra din l-Ordinanza kull min

“(c) jikkoltiva l-pjanta *Cannabis”*

“Illi di piu’, r-rikorrenti fuq riferiti rabtu l-artikolu 22(1B) tal-istess Kap fuq riferit mal-istess artikolu fuq indikat, li jistabbilixxi li ghall-finijiet ta’ din l-Ordinanza, il-kelma “traffikar” ta’ drogi hemm riferiti **tinkludi l-koltivazzjoni**;

"Illi wara li ezaminat fil-fond il-lanjanza in dizamina, din il-qorti ssib ruhha tikkondividi l-preokkupazzjoni tal-intimati fis-sens li hi wkoll issibha ferm difficli tara kif dawn l-artikoli mehuda anke flimkien, joholqu l-incertezza legali riferita mir-rikorrenti;

"Illi hi l-opinjoni konsiderata ta' din il-qorti li kellha l-opportunita' tezamina l-Kap in dizamina fit-tul, li effetivament mehud fl-assjem kollu tieghu, dan il-Kap, (li fil-lingwagg modern ma jistax jinghad li hu "*user-friendly*"), tistieden lil min hu dovut biex din il-ligi, li taf l-origini taghha f'Hong Kong qabel l-1939 li minnha hi kkupjata, tant kellha tassorbi zviluppi li llum tghajjat ghal ridirezzjoni strutturali u lingwistika li fiha nnifisha, il-Kap 101 fl-intier tieghu, jista' verament jippekka kontra l-principju tac-certezza tad-dritt fuq riferit, stante li s-saffi ta' emendi li tghabba bih tassew jirrenduh difficilment assimilabbli jew mifhum;

"Illi pero' l-kwistjoni sollevata mir-rikorrenti ma jidhirx li tindirizza din il-problema u hi biss limitata ghall-artikoli riferiti stante li ma jidhirx li jqajjmu xi diffikultajiet immani li wiehed ma jifhimhomx – la lingwistici, la strutturali u lanqas ta' natura legali;

"Ikkunsidrat

"Illi kull ma dawn l-artikoli qed jistabbilixxu hu li l-ligi qed tekwipara t-"traffikar" mal-"kultivar" u dan, bl-iskop preciz li taghlaq kwalunkwe possibilita' li l-agent attiv involut jahrab mill-effetti tal-ligi in dizamina billi jgib bhala difiza l-allegazzjoni li dak li jkun qed jikkoltiva jkun ghall-uzu esklussiv tieghu;"

"Illi din il-qorti ghalhekk tifhem ir-*ratio* wara dan l-artikolu specifiku li fl-opinjoni umli taghha jservi biex bi kjarezza rari jekwipara dawn iz-zewg azzjonijiet flimkien stante li l-effett nefast li joholqu jattira l-kundanna morali u statutorja bhal tlaqlieq;"

"Ikkunsidrat:

"Illi ghalhekk in vista tas-suespost din il-qorti ma tqisx li l-azzjonijiet kriminali li ghalihom gew sottoposti r-rikorrenti kif minnhom stess indikati fir-rikors promotur jilledulhom id-drittijiet fundamentali minnhom rikjamati fl-istess rikors, stante li d-direzzjoni statutorja tirrizulta kjarissima kemm fl-iskop kif ukoll fl-espressjoni, u dan anke fuq l-iskora tal-Konvenzjoni in dizamina fuq riferita;"

**Rikors ta' Appell tar-Rikorrent Appellant Adrian Marmara tal-14 ta' Novembru 2012**

*Talbiet tar-Rikorrent Appellant Marmara lil din il-Qorti*

**14.** L-Appellant Marmara hass ruhu aggravat bl-imsemmija sentenza u konsegwentement permezz ta' rikors tal-14 ta' Novembru 2012 intavola appell minn dik is-sentenza u talab lil din il-Qorti sabiex thassar u tirrevoka s-sentenza taghha tas-6 ta' Novembru 2012, u dan billi filwaqt li tirrigetta r-risposta tal-appellati takkolji t-talbiet rikorrenti, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-intimati appellati

**Rikors ta' Appell tar-Rikorrent Appellant Eugenio Camenzuli tas-26 ta' Novembru 2012**

**15.** L-Appellant Camenzuli hass ruhu aggravat bl-imsemmija sentenza u konsegwentement permezz ta' rikors tas-26 ta' Novembru 2012 kwazi identiku ghal dak ta' Adrian Marmara[2] intavola appell minn dik is-sentenza u talab lil din il-Qorti sabiex thassar u tirrevoka s-sentenza taghha tas-6 ta' Novembru 2012, u dan billi filwaqt li tirrigetta r-risposta tal-appellati takkolji t-talbiet rikorrenti, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-intimati appellati.

**L-Aggravji taz-zewg Rikorrenti Appellanti**

[2] Qieghed jinghad kwazi identiku ghaliex jidher car li b'rizultat ta' zball fil-process ta' *cut and paste* fir-rikors ta' Camenzuli thalla barra l-paragrafu li kien jinsab fir-rikors tal-appell ta' Marmara u li fih kienu riprodotti t-talbiet i sa iii fir-rikors promotorju u sussegwentement sar zball iehor lampanti fin-numerazzjoni ta' diversi paragrafi, li juri non-kuranza altament censurabbli fir-redigjar tar-rikors.

**16.** L-aggravji tal-appellanti huma tant konvoluti li din il-Qorti ssibha ferm difficli biex tesprimihom b'mod li jifthemu u li jaghmlu sens. Jidher li l-appellanti jikkritikaw lill-ewwel Qorti ghaliex ezaminat il-lanjanza taghhom dwar ic-certezza *o meno* tal-ligi billi ezaminat l-Artikolu 8(c) tal-Kap. 101 u 22(1)(b) tal-istess Kap. mentri skont l-appellanti l-ilment taghhom huwa aktar approfondit minn hekk. Il-Qorti, izda, izjed sabet smarriment u konfuzjoni milli profondita fil-hsieb tal-appellanti tant li ssibha difficli ferm biex tispjega f'hiex jikkonsistu l-aggravji tal-appellanti.

**17.** L-appellanti jirritjenu li "l-interpretazzjoni restritta (sic) tal-predispost tal-Artikolu 22(1)(b) jizgarra pjenament mal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti Kontra t-Traffikar Illecitu ta' Drogi u Sustanzi Psikotropici (1988)" peress li "l-Artikolu 3(2) ta-konvenzjoni surriferita, jipprovdi ghal reat ta' kultivar ghall-uzu personali. Issa l-Artikolu 22(1)(b) kulma jghid hu li l-kelma traffikar tad-drogi tinkludi l-kultivazzjoni u jissoktaw jghidu li "L-esponenti jhossu li t-traffikar jista' jinkludi l-kultivazzjoni, imma mhux necessarjament, u senjatament meta l-provi jindikaw mod iehor". Il-Qorti tifhem li b'dan l-appellanti qeghdin ifissru li hemm incertezza dwar f'hiex jikkonsisti r-reat previst fl-Artikolu 22(1)(b) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

**18.** L-appellanti jissoktaw jghidu li fir-rikors promotur huma "jindirizzaw problema ohra naxxenti minn dak li ghadu kif intqal" u jsaqsu "jekk allura il-kultivar kollu jikkostitwixxi traffikar, liem hi d-disposizzjoni tal-ligi proprja li tikkontempla il-kultivar ghall-uzu personali?" u ghalhekk isostnu li "jew hemm bzonn ta' linja gwida minn din il-Qorti fejn tali reat jigi kostruwit bhala li hu inferit fir-reat ta' pussess semplici jew inkella l-Qorti ghandha tafferma li hemm mankanza ta' dispossizjoni (sic) tal-ligi li tikkontempla dan ir-reat u li ghalhekk, japplika l-principju (sic) tad-dritt ta' nulla *poena sina lege*." Veru kaz ta' *"confusion worse confounded"*.

**19.** L-appellanti jsegwu billi jaghmlu riferenza ghan-nota ta' sottomissjonijiet taghhom li giet prezentanta fl-ewwel

istanza. Din il-Qorti ghalhekk ezaminat l-istess nota bl-isperanza li tigi illuminata ftit ahjar dwar l-aggravji tal-appellanti.

**20.** Min-nota tal-osservazzjonijiet imsemmija[3] jidher li l-appellanti jsostnu li hemm nuqqas ta' kjarezza dwar l-elementi tar-reat previst fl-Artikolu 22(1B). Dan ghaliex waqt li l-Artikolu 3(2) tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti jipprevedi li, safejn il-principji kostituzzjonali u l-kuncetti bazici tas-sistema legali taghha hekk tippermetti, kull parti ghall-Konvenzjoni ghandha taddotta dawk il-mizuri li jistghu jkunu necessarja sabiex tistabilixxi bhala reat kriminali skont il-ligi domestika, il-pussess, xiri jew kultivar ta' drogi narkotici ghall-uzu personali[4], l-Artikolu 22(1B) tal-Kap. 101 jipprovdi li ai fini tal-istess artikolu l-ispacc tad-droga tinkludi l-ikkultivar.

**21.** L-appellanti jsostnu, izda, li jista jkollok ikkultivar li min-natura tieghu jkun jindika bi kjarezza assoluta li t-tkabbir ta' dik id-droga ma tkunx ai finijiet ta' spacc. Dan il-fatt, specjalment meta l-ligi tigi interpretata fl-isfond tal-Artikolu 3(2) imsemmi tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti. Iwassal ghal nuqqas ta' kjarezza fil-ligi li jissarraf f'incertezza ta' x'inhi attwalment il-ligi Maltija fuq dan il-punt. Dan kollu, skont l-appellanti, jilledi l-Artikoli 6 u 7 tal-Konvenzjoni u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni.

**<u>Risposta ta' Appell tal-Appellati tal-21 ta' Novembru 2012 ghar-Rikors tal-Appell tar-Rikorrenti Appellanti</u>**

**22.** B'risposta tal-21 ta' Novembru 2012, l-Appellati sostanzjalment wiegbu kif gej ghar-rikors tal-appell tal-Appellanti:

"1. Is-sentenza appellata hija gusta u timmerita li tigi kkonfermata.

---

[3] Fol. 40-44 tal-process tal-ewwel istanza

[4] *"Subject to its Constitutional Principles and the basic oncept of its legal system, each party shall adopt such measures as may be necessary to establish as a criminal offence under its domestic law, the possession, purchase or cultivation of narcotic drugs for personal consumption".*

"2. L-aggravji ta' l-Appellanti ma jindirizzawx dak li ddecidiet l-Ewwel Qorti u mhumiex ibbazati fuq l-artikoli tal-Konvenzjoni Ewropea.

"3. L-Artikoli 8(c) u 22(1B) ta' l-Ordinanza li jipprovdu illi kultivazzjoni tal-*cannabis* bhala medicina projbita tikkostitwixxi reat ma jhallu l-ebda lok ghal incertezza u konsegwentement ma hemm l-ebda vjolazzjoni tal-principju tac-certezza legali li hija protetta permess ta' l-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropea.

"4. L-Appellanti ma jistghux jiccitaw il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti bhala *corpus* legali li japplika ghalihom meta l-istess konvenzjoni taghmel biss stat *vis-à-vis* l-istati firmatarji taghha u mhux bejn l-istat u l-individwu.

"5. L-Artikolu tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti li qed jistriehu fuqu l-Appellanti bl-ebda mod ma josta li Malta tqis il-kultivazzjoni ta' xi sustanza projbita bhala li fiha nnfisha tikkostitwixxi reat u dan irrispettivament minn jekk tali kultivazzjoni tkunx ghall-uzu personali jew le. Il-legislatur qies il-kultivazzjoni tal-pjanta *cannabis* bhala attivita' tant perikoluza li ghazel li jiehu dan il-pass u konsegwentement ma hemm l-ebda *lacuna* fil-ligi taghna. Il-kultivazzjoni tal-*cannabis* f'Malta tikkostitwixxi reat u fil-fatt hija punibbli irrispettivament minn jekk din setghetx kienet ghall-uzu personali jew altrimenti.

"6. Minn qari ta' l-Artikolu 8(c) ta' l-Ordinanza jirrizulta bl-aktar mod car u inekwivokabbli illi l-koltivazzjoni tal-*cannabis* tikkostitwixxi reat. Tezisti certezza legali assoluta illi l-koltivazzjoni tal-*cannabis* tikkostitwixxi reat serju u hija punibbli bil-ligi bl-istess mod li huwa t-traffikar.

"7. L-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropea ma japplikax ghall-kaz odjern ghaliex certament illi l-ligi rispettiva ghall-kaz odjern hija wahda cara u ghal kuntrarju ghal dak li qed jallegaw l-Appellanti teskludi kull possibilita' ghal interpretazzjoni.

"8. Fil-kaz odjern ma saritx allegazzjoni illi qed tigi applikata l-ligi b'mod retrospettiv."

**Fatti tal-kawza**

**23.** Il-fatti li fuqhom iserrhu l-lanjanzi taghhom l-appellanti jemergu mill-verbal registrat waqt is-seduta quddiem l-ewwel Qorti tal-5 ta' April 2011[5]. Dak il-verbal jghid hekk:

"… … z-zewg rikorrenti kif indikat minnhom fir-rikors promotur jinsabu ghaddejin proceduri kriminali akkuzati fuq kultivar tal-pjanta Cannabis. Eugenio Camenzuli fi stadju ta' Appell u Adrian Marmara quddiem il-Qorti tal-Magistrati. Jinghad ukoll li l-proceduri quddiem l-Appell ta' Eugenio Camenzuli jinsabu sospizi jistennew l-ezitu ta' dawn il-proceduri, filwaqt li dak li jikkoncerna lil Marmara ser issir talba simili quddiem il-Qorti tal-Magistrati."

**24.** Ghalkemm il-prosekuzzjoni qatt ma stqarret li kienet taqbel mal-fatti kif fuq verbalizzati kif kienet mistiedna taghmel mill-appellanti anqas l-istess fatti ma gew kontestati minnha u ghalhekk din il-Qorti ser tikkunsidra pruvati l-fatti hekk dikjarati mill-appellanti fil-verbal imsemmi. Inoltre, permezz ta' nota tat-3 ta' Mejju 2011 l-intimati qablu li l-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti inkwistjoni kienet giet ratifikata mill-Gvern Malti u fl-istess nota inghad li hija parti integrali tal-ligi Maltija.

**25.** Din il-Qorti jidhrilha li jkun tassew xieraq u opportun jekk tibda l-analizi taghha billi tezamina d-disposizzjonijiet relevanti tal-ligijiet li huma applikabbli ghall-kaz odjern il-ghaliex dawn id-disposizzjonijiet jghinu lill-Qorti sabiex tiddeciedi jekk ghandhiex tikkonferma, tirrevoka jew timmodifika s-sentenza li nghatat mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili, fil-kompetenza kostituzzjonali taghha.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

*Preliminari*

---

[5] Fol 29 tal-process tal-ewwel istanza

**26.** Peress illi jidher li hemm certu konfuzjoni f'mohh l-appellanti dwar il-pozizzjoni legali Maltija fejn si tratta tar-relazzjoni bejn trattati internazzjonali li taghhom Malta hi parti u l-ligi domestika din il-Qorti trid tippuntwalizza li fis-sistema legali Malti sabiex id-dispozizzjonijiet ta' trattat li fih Malta tkun parti jkunu direttament applikabbli fir-relazzjonijiet bejn l-Istat u l-individwu dawn iridu fl-ewwel lok jigu trasposti f'legislazzjoni domestika permezz tal-istrumenti legislattivi opportuni. Dan jirrizulta car mid-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 3 tal-Att dwar ir-Ratifika ta' Trattati[6] u in partikolari s-subartikolu (3) tal-istess artikolu li jipprovdi li:

"Ebda disposizzjoni ta' trattat ma ghandha ssir, jew ma ghandha tigi nfurzata, bhala parti mil-ligi ta' Malta hlief b'Att jew taht Att tal-Parlament."[7]

**27.** Dan inissel il-konsegwenza li dak li hu vinkolanti fil-forum domestiku fir-relazzjonijiet bejn l-individwu u l-iStat Malti huma d-dispozizzjonijiet tal-ligijiet domestici, waqt li d-dispozizzjonijiet ta' trattati internazzjonali, ghalkemm Malta tkun parti fihom u jkunu gew ratifikati mill-Esekuttiv, ma humiex applikabbli mill-Qrati Maltin hlief permezz ta' jew taht xi Att tal-Parlament. Id-dispozizzjonijiet ta' trattat internazzjonali li kjarament ikun qieghed jigi implimentat permezz ta' xi ligi domestika jista' jservi ta' ghajnuna ghall-qrati Maltin fl-interpretazzjoni tal-ligi domestika relevanti izda spetta ghall-qorti kompetenti li tiddetermina jekk hemmx il-htiega ta' tali ghajnuna ghaliex fejn it-tifsira tal-ligi domestika tkun cara u inekwivoka ma jkun hemm ebda tali htiega.

***Allegati vjolazzjonijiet tal-Artikoli 6 u 7 tal-Konvenzjoni u tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni***

**28.** Il-Qorti hi tal-fehma li l-fatti tal-kaz jipprestaw ruhhom sabiex jigu ezaminati qabel xejn mill-perspettiva tal-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni u di fatti anki r-rikorrenti

---

[6] Kap. 304 tal-Ligijiet ta' Malta
[7] Ara wkoll App Inf: **Il-Pulizija v. Abbas Aly Mohammed Abdel Monem**, 13/8/2011, #2-4

appellanti fil-kors kollu tal-proceduri ilmentaw l-aktar minn nuqqas ta’ certezza u previdibilita` tal-Artikolu 22(1B) tal-Kap. 101 li huma aspetti li l-aktar jipprestaw ruhhom ghal skrutinju taht l-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni ghalkemm ma hux eskluz li jista’ jkun hemm aspetti ohra li jistghu jincidu fuq l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni.

*Artikolu 7 - principji*

**29.** Il-garanzija moghtija mill-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropeja tokkupa pozizzjoni prominenti fis-sistema tal-Konvenzjoni kif sottolineat mill-fatt li ebda deroga ghaliha ma hi permessa taht l-Artikolu 15 tal-istess Konvenzjoni f’kaz ta’ gwerra jew emergenza pubblika. L-artikolu inkwistjoni ghandu jifthiem u jigi applikat skont l-ghanijiet intiz li jilhaq b’tali mod li jipprovdi garanziji effettivi kontra prosekuzzjonijiet, sejbien ta’ htija u pieni arbitrarji[8]. Skont l-Artikolu 7(1) tal-istess Konvenzjoni l-ligi biss tista’ tistabilixxi reat u tippreskrivi l-piena ghalih u ghalhekk ir-reati u l-pieni relevanti ghandhom jigu kjarament definiti bil-ligi. Din il-htiega tigi sodisfatta meta l-individwu jista’ jkun jaf mill-kliem tad-dispozizzjoni relevanti u, jekk mehtieg, bl-assistenza tal-interpretazzjoni taghha mill-qrati, liema atti u ommissjonijiet jirrenduh kriminalment imputabbli[9]. Il-kuncett ta’ ligi jikkomprendi kemm ligi statutorja kif ukoll kazistika u jimplika certi rekwiziti kwalitattivi, fosthom dawk ta’ accessibilita` u prevedibilita`[10] li jridu jigu sodisfatti kemm ghar-rigward tad-definizzjoni tar-reat kif ukoll rigward il-piena li r-reat igib mieghu[11]. B’danakollu dan ma jfissirx li l-ligi penali ma tistax tirrikorri ghal kategoriji generici flok ghal listi ezawrenti ta’ ghemil projbit u huwa ben rikonoxxut li hafna ligijiet huma redatti f’termini li jistghu jitqiesu ftit jew wisq

[8] ECHR (GC**)** **Scoppola v. Italy** (Nu.2), 17 ta’ Settembru 2009, #92
[9] Ibid #93-94; ara wkoll ECHR **Camilleri v. Malta**, 22 Jannar 2013, #34
[10] Ara ECHR **Cantoni v. France**, 15 Novembru 1996, #29; **Coeme and Others v. Belgium**, 22 Gunju 2000, #145; **Camilleri v. Malta** *op.cit.*#35
[11] ECHR **Kafkaris v. Cyprus** (GC), 12 Frar 2008, #140

vagi fejn l-interpretazzjoni u applikazzjoni tal-ligi tkun tiddependi mill-prattika[12].

**30.** Fi kwalunkwe sistema legali tinqala' dejjem il-htiega ta' kjarifika ta' punti dubjuzi u waqt li c-certezza hi mill-aktar mixtieqa tista' twassal ghal rigidita` eccessiva meta l-ligi trid tkun dejjem kapaci li zzom il-pass mal-bdil fic-cirkostanzi[13]. Inoltre, il-kazistika tikkontribwixxi ghall-izvilupp gradwali tal-ligi kriminali[14] u l-Artikolu 7 ma jistax jinqara bhala li jipprekludi l-kjarifika gradwali tar-regoli ta' imputabilita` kriminali permezz tal-interpretazzjoni tal-qrati minn kaz ghal kaz sakemm l-izvilupp konsegwenzjali jkun konsistenti mal-essenza tar-reat u jkun ragonevolment prevedibbli[15]. Ligi tista' xorta tissodisfa r-rekwizit ta' prevedibilita` fejn persuna jkun jehtigilha tiehu parir legali sabiex tevalwa, sa grad li jkun wiehed ragonevoli fic-cirkostanzi, il-konsegwenzi ta' azzjoni partikolari[16].

*Artikolu 7 – applikazzjoni tal-principji*

**31.** Kif anki dikjarat fir-rikors promotorju tal-gudizzju, ir-rikorrenti jinsabu imputati bir-reat ta' koltivazzjoni tal-pjanta *cannabis* bi ksur tal-Artikolu 8(c) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta. Dan l-artikolu jipprovdi kif gej:

"Ikun hati ta' reat kontra din l-Ordinanza kull min:

"… *omissi*s…

"(c) jikkoltiva l-pjanta *Cannabis*."

L-Artikolu 22(1B) tal-istess Kap. 101 imbaghad jipprovdi definizzjoni tal-kelma "jittraffika" bhala li tinkludi l-koltivazzjoni.

---

[12] Q. Kost. **Edmond Espedito Mugliett v. Avukat Generali**, 28 ta' Settembru 2012, #40; ECHR **Cantoni v. France**, 15 Novembru 1996, #31-32; **Camilleri v. Malta** *op. cit.* , #36
[13] **Camilleri v. Malta**, #36; **Scoppola v. Italy** (Nu.2), #100
[14] ECHR **Kruslin v. France**, 24 April 1990, #29
[15] ECHR **Streletez, Kessler and Krenz v. Germany**, (GC) 22 Marzu 2001, #50; Ara wkoll Q. Kost. **Peter Borg v. Avukat Generali**, 13 ta' Gunju 2011
[16] ECHR **Achour v. France** (GC) 29 Marzu 2006,#54; **Sud Fondi srl and Others v. Italy**, 20 Jannar 2009, #110

**32.** L-Kap. 101 ma jaghtix definizzjoni ta' "tikkoltiva" izda l-Qrati ta' kompetenza kriminali kellhom l-okkazzjoni jelaboraw fuq it-tifsira ta' din il-kelma. Hekk gie deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali li meta l-legislatur bl-iktar mod car uza l-kliem "jikkultiva l-pjanta *Cannabis*" minn dan isegwi li "wiehed jista' jikkultiva l-*Cannabis* kemm fl-ghelieqi kif ukoll fi qsari u kuntenituri ohra u l-enfasi qieghed fil-kultivazzjoni taghha"[17]. Inoltre, b'riferenza ghall-argument difenzjonali li min ma jkunx ipprepara l-art u zera' z-zerriegha ma jkunx hati li kkultiva l-pjanta *Cannabis* l-istess Qorti fl-istess sentenza rriteniet li "Dan il-mod ta' interpretazzjoni tal-kelma kultivazzjoni pero` … mhux hlief limitazzjoni li l-legislatur evidentement la xtaq jipprovdi u lanqas ipprovda".

**33.** F'okkazzjoni[18] ohra l-Qorti tal-Appell Kriminali Sede Inferjuri spjegat b'mod car hafna li c-cirkostanza ta' *"the exclusive use of the offender"* fl-Artikolu 22(2)(b)(i)[19] hi riferibbli unikament ghall-pussess u mhux ukoll ghar-reati l-ohra msemmija fl-istess artikolu. Sentenzi ohra tal-qrati ta' kompetenza kriminali relevanti ghall-materja stabbilew b'riferenza ghar-reat ta' koltivazzjoni previst fl-Artikolu 8(c) tal-Kap. 101 li "il-Qrati dejjem interpretaw san is-subinciz b'mod rigoruz u qatt ma qaghdu jaghmlu xi differenzi fejn il-ligi ma tiddistingwix"[20] u li "Malli l-appellant zera' mqar zerriegha wahda germinabbli fil-qasrija tal-gizimina u beda jsaqqiha u din iz-zerriegha wahda nibtet (anke jekk fil-wicc tal-hamrija ma kien jidher xejn) kien hemm ir-reat ikkonsmat ta' koltivazzjoni"[21].

**34.** Ghalhekk il-qrati kompetenti gia` elaboraw u spjegaw f'hiex jikkonsisti l-ghemil ta' koltivazzjoni kif ukoll aspetti ohra li jincidu fuq il-piena ghall-istess reat.

**35.** Dak li jidher[22] li qed isostnu l-appellanti hu li l-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti tirrikjedi li Stat li huwa

---

[17] App. Krim. **Ir-Repubblika ta' Malta v. Loreto Attard**, 3 ta' Gunju 1987
[18] App. Krim. Inf. **The Police v. Lothar Ernst Heinrich Beck**, 17 ta' Novembru 1997
[19] Il-pozizzjoni taht l-Artikolu 22(2)(a)(i) hi identika
[20] Q. Mag. **P v. Colin Vassallo per**. Mag. N. Cuschieri, 14 ta' Settembru 2009
[21] App Krim. Inf**. P v. Anthony Camilleri**, 3 ta' Dicembru 2001
[22] Il-hsieb tal-appellanti xejn ma hu car, la fir-rikors promotorju, la fin-nota tal-osservazzjonijiet taghhom u anqas fir-rikors tal-appell.

parti fil-Konvenzjoni ghandu, skont l-Artikolu 3(2) taghha, jistabilixxi bhala reat kriminali il-koltivazzjoni ta' drogi narkotici ghall-uzu personali. Ghalhekk fejn l-Artikolu 22(1B) tal-Kap. 101 jipprovdi li l-kelma "jittraffika" tinkludi l-koltivazzjoni dan necessarjament ghandu jigi interpretat fid-dawl tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti u b'hekk il-koltivazzjoni li ghaliha hemm riferenza fl-Artikolu 22(1B) imsemmi tirreferixxi biss ghal kultivar mhux ghall-uzu esklussiv.

**36.** L-argument hu wiehed sofistiku ghall-ahhar u jimmagina incertezza fejn din ma tezistix. L-appellanti ma ta' ebda ezempju ta' fejn il-Qrati kompetenti identifikaw xi incertezza tali fit-tifsira tal-Artikolu 22(1B) imsemmi. Dan ghaliex it-tifsira tal-Artikolu 22(1B) hi cara ghall-ahhar. Fejn fid-definizzjoni ta' traffikar il-ligi tipprovdi li din tinkludi l-koltivazzjoni l-istess ligi ma kkwalifikatx jew illimitat b'ebda mod il-kelma "koltivazzjoni" u ghalhekk l-appellanti ma jistghux jippretendu li b'hafna tigbid u strakkjar jimponu kwalifika u limitazzjoni li b'ebda mod ma tezisti fil-ligi la espressament u anqas implicitament. Fic-cirkostanzi, ghalhekk, kif gia` inghad, ma hemm ebda htiega ta' xi rikors ghad-dispozizzjonijiet tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti sabiex idawwlu l-interpretazzjoni tal-Artikolu 22(1B) ghaliex dan hu car fit-tifsira u l-portata tieghu. Fi kwalunkwe kaz l-interpretazzjoni tad-dispozizzjonijiet penali tispetta lill-qrati ta' kompetenza kriminali u l-iskrutinju ta' din il-Qorti taht l-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropeja hu limitat filli tiddetermina jekk id-dispozizzjoni legali inkwistjoni bhala tali hijiex tant ekwivoka u nieqsa minn kjarezza li l-individwu ma jistax ikun jaf mill-kliem tad-dispozizzjoni relevanti u, jekk mehtieg, bl-assistenza tal-interpretazzjoni taghha mill-qrati, liema atti u ommissjonijiet jirrenduh kriminalment imputabbli. Din il-Qorti ma tara assolutament ebda tali ekwivocita` fit-tifsira tal-Artikoli 8(c) u 22(1B) tal-Kap. 101.

**37.** L-Artikolu 8(c) tal-Kap. 101 jikkriminalizza l-koltivazzjoni tal-pjanta *Cannabis*, <u>kull</u> koltivazzjoni tal-istess pjanta. L-Artikolu 22 tal-istess Kap. imbaghad jistabilixxi l-pieni ghar-reati kollha kontra l-Ordinanza, fosthom dak ta' koltivazzjoni tal-pjanta *Cannabis*.

Konsistentement mal-fatt li l-Kap. 101 jekwipara l-koltivazzjoni mat-traffikar kif gia` premess, il-piena ghar-reat ta' koltivazzjoni tal-pjanta *Cannabis* taht l-Artikolu 8(c) tal-Kap. 101[23] hi l-istess piena komminata ghal min jittrafika medicina bi ksur tad-dispozizzjonijiet tal-istess Kap. In-natura u l-ammont tal-piena applikabbli huma kjarament specifikati fl-artikolu 22(2)(a) u (b) tal-Kap. imsemmi. Fil-kaz ta' sejbien ta' htija mill-Qorti Kriminali l-piena skont l-Artikolu 22(2)(a)(i) hi dik ta' prigunerija ghall-ghomor jew, fic-cirkostanzi previsti fis-subparagrafi (aa) u (bb) tad-dispozizzjoni msemmija, il-piena ta' prigunerija ghal zmien ta' mhux inqas minn erba' snin izda mhux izjed minn tletin sena flimkien mal-multa specifikata. Fil-kaz ta' sejbien ta' htija mill-Qorti tal-Magistrati l-piena skont l-Artikolu 22(2)(b)(i) hi dik ta' mhux inqas minn sitt xhur izda mhux izjed minn ghaxar snin flimkien mal-multa specifikata. Ma hemm xejn li hu incert jew ekwivoku f'dan kollu.

**38.** Argument iehor totalment sofistiku li jintentaw l-appellanti huwa fis-sens li l-allegata mankanza tal-iStat Malti li jiccara d-dispozizzjonijiet tal-ligi "halliet *lacuna* fil-ligi ghal dik li tirrigwarda piena. M'hemm l-ebda dispozizzjoni tal-ligi applikabbli ghall-kultivar ghall-uzu personali, u ghalhekk japplika l-principju surriferit *nulla poena sine lege*." Dan l-argument, izda, huwa mibni fuq premessa falza. Semplicement ma hux minnu li ma hemm l-ebda dispozizzjoni tal-ligi applikabbli ghall-kultivar ghall-uzu personali. Il-"kultivar ghall-uzu personali" skont il-Kap. 101 jammonta ghar-reat ta' koltivazzjoni kontra d-dispozizzjoni tal-Artikolu 8(c) tal-Kap. 101 u ghalhekk hu previst ghalih il-piena komminata mil-ligi ghal dak ir-reat kif fuq spjegat. Ghal darb'ohra ma hemm ebda incertezza jew ekwivoku kif allegat mill-appellanti.

**39.** Ghar-ragunijiet moghtija l-Qorti ssib li l-aggravji tal-appellanti fir-rigward tas-sentenza appellata inkwantu ma sabitx lezjoni tal-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropeja kif

---

[23] Kif ukoll il-piena ghar-reat ta' koltivazzjoni tal-pepprin tal-oppju jew tal-pjanta tal-koka taht l-Artikolu 4 tal-istess Kap 101

mitlub minnhom fir-rikors taghhom promotorju tal-gudizzju ma humiex sostnuti u ghalhekk qeghdin jigu respinti.

*Allegati lezjonjieti tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja u tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni*

**40.** L-appellanti jserrhu l-lanjanza taghhom ta’ lezjoni tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja u tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni unikament fuq l-istess allegazzjonijiet ta’ nuqqas ta’ certezza u prevedibilita` tad-Dritt li fuqhom serrhu l-lanjanza taghhom ta’ lezjoni tal-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropeja, liema allegazzjonijiet gia` gew ritenuti mhux sostnuti minn din il-Qorti li ghalhekk naqset milli ssib lezjoni tal-Artikolu 7 imsemmi. Ghall-istess ragunijiet, ghalhekk, u fin-nuqqas ta’ xi aspetti godda sollevati mill-appellanti, l-aggravji tal-appellanti fir-rigward tas-sentenza appellata inkwantu ma sabitx lezjoni tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja u tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni kif mitlub minnhom fir-rikors taghhom promotorju tal-gudizzju ma humiex sostnuti u ghalhekk qeghdin jigu respinti.

**<u>Decide</u>**

Ghall-motivi premessi l-appell qieghed jigi michud u s-sentenza appellata qeghdha tigi konfermata fl-intier taghha bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------